**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 27 ta' Gunju 2018**

Numru 1

**Rikors Nru. 29/2017**

**Raymond Mifsud**
**vs**
**Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tat-3 ta' Mejju 2017 li jghid hekk:

Illi r-rikorrent gie mixli quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:
Fl-10 ta' Gunju 2004 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:
1) B'qerq jew ingann jew uzu hazin tal-awtorita b'influwenza, jew pressjoni, ittraffika persuna jew persuni tal-eta bil-ghan li dik il-persuna jew persuni tigi/jigu sfruttata jew sfruttati ghall-prostituzzjoni jew f'attivitajiet pornografici, jew fil-produzzjoni ta' materjal pornografiku;
2) Fl-istess lok u zmien, xjentement, ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuni ta' nazzjonalita estera;
3) Fl-istess lok u zmien, zamm u ezercita jew kellu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;
4) Fl-istess lok u zmien, bhala sid jew li ghandu taht idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond bl-isem ta' fond numru 25, Imgieret Road, Luqa, xjentement ta' b'kiri, jew ippermetta l-uzu ta' dan ii-post ghal skop ta' prostituzzjoni;
5) Fl-istess lok u zmien, sabiex jissodisfa z-zina ta' haddiehor, gieghel bil-vjolenza jew hajjar b'qerq persuna tal-eta ghall-prostituzzjoni, liema reat sar bl-abbuz tal-awtorita. ta' fiducja jew ta' relazzjoni familjari, bhala drawwa u bi hsieb ta' qliegh;

6) Fl-istess lok u zmien, bla ordni skont il-ligi ta' awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil persuni kontra l-volonta taghhom, fosthom Olga Morozova, Irina Solozobova u Liliya Chesta.

Kif ukoll talli b'hekk huwa kiser il-provvdimenti tal-Artikolu 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta, meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza gie lliberat taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet snin, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-3 ta' Settembru 2002, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Marzu 2012 li biha r-rikorrent gie ddikjarat mhux hati a tenur tal-artikoli 204(1)(b)(d) u 248A(2)(a)(b) tal-Kodici Kriminali u mhux hati a tenur tal-artikolu 8(2) tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta, izda nstab hati tal-akkuzi a tenur tal-artikoli 248B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u a bazi taI-artikoli 7(1)(3), 8(1), 9 u 10 tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta, u gie kkundannat ghat-terminu massimu kontemplat fil-ligi ta' prigunerija ghal disa' (9) snin fuq l-akkuza kontra l-artikolu 248B tal-Kap. 9, flimkien ma' terminu ta' prigunerija ta' sena (1) fuq l-akkuzi kontra d-dispost tal-Kap. 63, li huma komprizi u li skont l-artikolu 17B ma jistghux jinghataw f'aktar minn nofs taghhom, u ghalhekk ukoll multa ta' mitejn u tletin euro (€230), minbarra li ai termini tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 giet ordnata wkoll il-konfiska tad-dar (farmhouse) tal-imputat, 25 Imgieret Road, Luqa, favur il-Gvern ta' Malta; u finalment il-Qorti ttrattat mal-imputat ghall-ksur tal-Kap. 446 (ex Kap. 152) stante li rrizulta li r-rikorrent kiser kundizzjoni tal-liberta kondizzjonata imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati permezz ta' sentenza tat-3 ta' Settembru 2002, u wara li rat l-artikoli 325(b), 221(1), 383(dd), 339 tal-Kap. 9 u l-artikoli 7 u 23 tal-Kap. 446, ikkundannat lir-rikorrent ghal piena ta' sena (1) prigunerija ghall-akkuzi ravvizati fl-artikolu 325(b) u 221(1) tal-Kap. 9 u ghall-ammenda ta' hamsin euro (€50) ghall-kontravvenzjonijiet ukoll imsemmija f'dik is-sentenza.

Illi r-rikorrent appella mill-precitata sentenza permezz ta' rikorsipprezentat fit-13 ta' Marzu 2012.

Illi b'sentenza moghtija fit-23 ta' Frar 2017 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Appell Numru 128/2012), gie deciz kif gej:
"Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha hawn fuq migjuba, din il-Qorti qed tilqa' l-appell in parte fejn filwaqt li tikkonferma s-sentenza taI-Ewwel Qorti fejn sabet liII-appellant hati tar-reati kkontemplati fl-artikoli 248B tal-Kap. 9, u l-artikoli 7(1 )(3), 8(1), 9 u 10 tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta u fejn ma sabitux hati tar-reati ravvizati fl-artikoli 204(1)(b)(d), 248A(2)(a)(b) tal-Kap. 9 u l-artikolu 8(2) tal-Kap. 63, tirrevokaha fejn ittrattat mal-hati ghar-reati li dwarhom gie misjub hati bis-sentenza tat-3 ta' Settembru 2002 u minflok tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-taiba u tirrevokaha wkoll fejn ordnat il-konfiska tal-farmhouse 25, Imgieret Road, Luqa, u tghaddi ghalhekk biex tirriforma l-piena inflitta u tikkundanna lill-appellant ghal piena komplessiva ta' erba' (4) snin prigunerija."

Illi minn ezami tal-process kriminali intrapriz mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tar-rikorrent jirrizultaw s-segwenti irregolaritajiet serji u lanjanzi kostituzzjonali li jammontaw ghal vjolazzjoni taI-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja:

1) Illi sabiex persuna tigi misjuba hatja ta' din ix-xorta ta' reati, huma essenzjali zewg elementi:
• li l-fatti addebitati lii dik il-persuna jkunu tassew gew imwettqa jew kommessi minnha u mhux minn persuna ohra; u
• li l-persuna li lilha qeghdin jigu addebitati l-fatti inkriminanti tkun a konoxxenza tac-cirkostanzi illi l-ligi trid li jkunu jikkostitwixxu reat kriminali u, inoltre, ikollha l-element intenzjonali partikolari li jkun mehtieg mil-ligi.

2) Illi f'dan il-kaz, jirrizulta illi c-cirkostanzi illi l-ligi trid li jkunu jikkostitwixxu reat kriminali ma gewx imwettqa mill-esponent Raymond Mifsud izda minn persuna ohra, u cioe Tatiana Elkina. Gara illi l-Pulizija Investigattiva hadet id-decizjoni illi tipprocessa 'leggerment' lii Tatiana Elkina, li helsitha b'sentenza sospiza, sabiex Tatiana Elkina tinghata incentiv u weghda ta' vantagg billi titfa' l-htija fuq l-esponent Raymond Mifsud.

3) Illi r-reat ewlieni li tieghu l-esponent instab hati huwa dak imsemmi fl-artikolu 248B tal-Kodici Kriminali, li jaqra hekk:
"Kull min, b'xi wiehed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 248A(2) jittraffika persuna tal-eta' bil-ghan li dik il-persuna tigi sfruttata ghall-prostituzzjoni jew f'attivitajiet pornografici jew fil-produzzjoni ta' materjal pornografiku jew forom ohra ta' sfruttament sesswali jehel, meta jinstab hati, il-piena li hemm fl-artikolu 248A(1)."

L-elementi tar-reat huma:
a) traffikar ta' persuna tal-eta
b) bil-ghan li dik il-persuna tigi sfruttata sewwalment
i. permezz tal-prostituzzjoni
ii. permezz ta' attivitajiet pornografici jew
iii. permezz ta' produzzjoni ta' materjal pornografiku jew
iv. permezz ta' forom ohra ta' sfruttament sesswali
c) b'wiehed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 248A(1).

4) Illi l-ewwel lanjanza tal-esponent hija illi kemm l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) kif ukoll l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali accettaw dan il-'modus operandi' tal-Pulizija Investigattiva, u cioe illi toffri 'process b'piena leggera' lil Tatiana Elkina bil-ghan li din tinghata incentiv u weghda ta' vantagg billi titfa' l-htija fuq l-esponent Raymond Mifsud, meta kienu jafu illi dan, minnu nnifsu, kien ser jgharraq u jhassar ir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja.

5) Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tirrimarka f'pagna 33 tas-sentenza taghha:
"Issa l-appellant allura ma jistax ighid li ma kienx involut fit-trasferiment jew trasport tat-tlett tfajliet u jitfa' l-htija fuq ii-partner tieghu dak iz-zmien certu Tatiana Elkina, li l-kaz taghha diga ghadda in gudikat. Dan ghaliex huwa fatt ippruvat, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata, illi l-appellanti ha l-izbriga illi joffri residenza lil dawn it-tfajliet u anke laqqaghhom ma' irgiel ghal skopijiet ta' prostituzzjoni f'farmhouse li kienet proprjeta tieghu fejn hemmhekk inzammu mizmuma. Il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha issib illi l-verzjoni ta' dawn it-tfajliet hija wahda pjenament ikkorroborata mhux biss minn dak li jistqarru huma izda wkoll minn dak mistqarr minn din Tatiana, Lizio Delia u Kevin Amato, l-ahhar tlieta kollha komplici fil-kummissjoni tar-reat flimkien mal-appellat." (recte: appellant)

6) Illi in tema ta' Dritt ta' Procedura Kriminali, ix-xiehda tal-komplici ghandha tkun sufficjentement korroborata bi provi ohra indipendenti. Dan zgur ighodd ghal Tatiana Elkina, Lizio Delia u Kevin Amato, li gew ikkunsidrati mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali stess bhala t-"tlieta kollha komplici fil-kummissjoni tar-reat". Izda, hawnhekk tinsorgi l-mistoqsija: kif ghandhom jitqiesu l-imsemmija "tlett tfajliet"? Dawn ghandhom jitqiesu 'vittmi' jew 'komplici'? U jekk jitqiesu komplici, b'riferenza ghal liema reat ghandhom jitqiesu li huma 'komplici'?

7) Minn ezami tal-imgieba tat-tlett tfajliet dezunta mill-provi migjuba fil-process jirrizulta illi t-tlett tfajliet ma ngabux Malta mill-esponent izda minn Tatiana Elkina wahedha. Hija biss kienet kapaci tkellimhom bir-Russu. It-tliet tfajliet iddikjaraw li ngabu Malta minn Tatiana Elkina. Hekk kif Olga Morosova waslet Malta, liberament u minn jeddha ghazlet li jkollha x'taqsam sesswalment ma' ragel li lanqas biss kienet tafu. Lanqas kienet taf tikkomunika bl-Ingliz. Hija damet hawn Malta tlett ijiem biss. Hija kienet telqet mill-Isvizzera, pajjiz b'livell ta' ghixien gholi hafna, ghax hasset li f'Malta setghet taqla' aktar flus jekk taghmel xoghol differenti. Hija giet Malta minghajr ma kellha 'work permit' biex tahdem f'Malta. Fl-Isvizzera hija kienet tahdem bhala topless dancer, x'kienet lesta li taghmel biha nfisha hawn Malta biex allura taqla' iktar flus minn kemm iddahhal flus topless dancer gewwa l-Isvizzera? Meta kellha x'taqsam sesswalment ma' ragel, imbaghad iehor u mbaghad iehor, hija bdiet tilmenta ghaliex l-introjtu ma kienx bizzejjed u mhux ghax dak ix-xoghol kellha taghmlu bilfors. Hija kellha telefon cellular bis-SIM card u setghet tuzah - tant illi meta riedet, qabdet u cemplet lil ommha. Hija xehdet: "this door was locked from the inside", li jfisser li ma kinitx maqfula gewwa u mizmuma kontra r-rieda taghha. "Asked whether I or any of us could go out freely of the flat, I think the doors were locked but I think we could go out; but again I say I didn't try to go out. And in this flat there was no one with us; we were myself, Ilina and Liliya, we were always alone." Il-Pulizija Maltija intercettaw lil Olga Morosova gewwa l-Ajruport ta' Malta hija u sejra lura lejn ir-Russja permezz tal-biljett tal-ajru u l-Passaport taghha li kienu fil-pussess taghha.

8) Din l-imgieba kienet tirrendi lil Olga Morosova komplici fir-rear ta' prostituzzjoni.

9) It-tieni tfajla, Irina Solozobova, allegat li l-esponent qalilhom li kellhom jahdmu bhala prostituti. Izda Olga Morosova tghid li kienet Tatiana Elkina li qalet hekk, u ziedet tghid li l-esponent qatt ma tkellem bir-Russu. Irina Solozobova xehdet: "It was Tatiana that was speaking in Russian." Hija stqarret li hi ma titkellimx bl-Ingliz. L-istess Irina Solozobova xehdet: "I worked as a prostitute because Tatiana forced us ... I did no longer work as a prostitute because I did not like it." Dan ifisser li hija kienet qed tahdem bhala prostituta ghal Tatiana Elkina izda meta ddejqet, waqfet u kienet se titlaq minn Malta. Hija xehdet: "I confirm that my passport and my ticket were always in my possession ... I confirm that I had my mobile phone together with paid SIM card for it in my possession."

10) Skont ix-xhud Licio Delia, huwa kellu x'jaqsam ma' Olga 4 darbiet u ma' Irina xi darba wahda.

11) Din l-imgieba kienet tirrendi lil Irina Solozobova komplici fir-reat ta' prostituzzjoni.

12) It-tielet tfajla, Liliya Chesta, qalet li hija giet Malta biex tahdem bhala 'hostess' li zzomm kumpannija lil irgiel mal-bar. Din xehdet: "I didn't have sex with clients because I refused. Raymond kept insisting but I kept refusing myself." F'dan il-kuntest wiehed la jista' jitkellem fuq sfruttament u lanqas fuq prostituzzjoni. Dak li qed tghid ix-xhud huwa li ma gietx sfruttata, ma gietx ittraffikata u lanqas giet imgeghelha tipprostitwixxi ruhha. Ghall-kuntrarju, hija tghid li giet Malta ghal xi konkors u tallega li fil-fatt attendiet ghalih gewwa Ghawdex. It-tliet tfajliet xehdu li meta Tatiana Elkina refghet idejha fuq Olga Morosova biex issawwatha, l-esponent li nzerta kien prezenti ndahal u waqqaf lil Tatiana Elkina milli ssawwatha. Liliya Chesta ivvintat storja fuq dan il-konkors u tghid li tkellmet ma' zewg partecipanti wahda minn pajjizha u ohra mill-Polonja. Il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova dwar allegata 'security room' fejn kienet ghal xi hin, dwar allegat 'security guard' li qaghad maghha, il-lokalita ta' dan il-konkors ta' tfajliet, u d-discotheque imsemmi minnha. Kollox juri li x-xiehda taghha konfuza, ivvintatha u mhix attendibbli. Hija tghid li f'dawn it-tlett ijiem hija kienet qed tibghat messaggi (text messages) lil zewgha bir-Russu. Din il-lingwa l-esponent zgur mhux kapaci jitkellimha jew imqar jifhimha. L-istess Liliya Chesta tallega li giet imsakkra go garage minghajr dawl, minghajr ilma u ikel, minghajr facilitajiet sanitarji, izda l-Passaport u l-mobile phone baqghu ghandha?! Min-naha l-ohra, ix-xhud tal-Prosekuzzjoni Licio Delia xehed illi ma' Liliya Chesta "kelli x'naqsam ma' din Lilija sia fit-Tiger Bar sija fid-dar ta' Raymond. Fit-Tiger Bar niftakar li l-bicca l-kbira kienet toffri s-servizzi taghha Lilija."

13) L-imgieba ta' Liliya Chesta hija konfuza u l-verzjoni taghha mhix attendibbli u ghalhekk ma tistax isservi bhala 'korroborazzjoni'.

14) Dan ifisser illi l-ebda wahda mix-xhieda nisa u l-ebda wiehed mix-xhieda rgiel ma tista' sservi ta' 'korroborrazzjoni' ghax in-nisa huma kollha komplici fir-reat ta' prostituzzjoni libera ppratikata minnhom. Barra minn hekk, Liliya Chesta hija assolutament inattendibbli.

15) Dawn kienu l-ghodda uzati mill-Ewwel Qorti u mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali sabiex bihom waslet ghal sejbien ta' htija tar-reat kontemplat fl-artikolu 248B tal-Kodici Kriminali.

16) Illi tenut kont illi r-reat li tieghu l-esponent Raymond Mifsud instab hati huwa dak ta' traffikar ta' persuni tal-eta bil-ghan li jigu sfruttati ghall-prostituzzjoni, tinsorgi l-kwistjoni tal-kontroll fuqhom infushom - li huwa element essenzjali tar-reat.

17) Illi mill-provi li kellhom quddiemhom iz-zewg Qrati ta' gurisdizzjoni penali kien jirrizulta li dawn it-tlett tfajliet kellhom kontroll fuqhom infushom. L-agir taghhom mhuwiex konsonanti ma' dak ta' vittimi ta' traffikar tal-persuni ghal skopijiet ta' sfruttament minn prostituzzjoni, izda hafna iktar kompatibbli mal-ezercizzju liberu tas-sengha tal-prostituzzjoni. Vittmi ta' tali reati ma jkollhomx liberta tal-ghazla jew ghazliet. Invece, it-tlett tfajliet Russi kellhom il-pussess tal-Passaport taghhom, il-pussess tat-telefon cellular bis-SIM card, l-ghazla li jifthu l-bieb li kien ikun imsakkar biss minn gewwa, l-ghazla li jittelefonaw barra minn Malta lil qrabathom. Din il-liberta ta' l-ghazla ma kinitx nieqsa fl-ebda hin.

18) Minn banda wahda, Tatiana Elkina giet offruta weghda ta' vantagg flimkien ma' piena baxxa u indotta biex tfarfar il-htija minn fuq spallejha u titfaghha fuq l-

esponent. Tant hu hekk, illi meta wiehed jezamina s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Tatiana Elkina" (933/2005, 27 ta' Ottubru 2005) wiehed isib illi:
Tatiana Elkina ammettiet quddiem il-Qorti illi "fl-10 ta' Gunju 2004, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnh, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, (1) b'qerq jew ingann jew uzu hazin tal-awtorita, influwenza, jew pressjoni, ittraffikat persuni tal-eta bil-ghan li dawk il-persuni jigu sfruttati ghall-prostituzzjoni, billi tat jew irceviet hlasijiet jew beneficcji sabiex tottjeni l-kunsens tal-persuna li kellha l-kontroll fuq persuna ohra; (2) u aktar talli assocjat ruhha ma' xi persuna jew persuni f'Malta, jew barra minn Malta, bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u cioe delitt ta' traffikar ta' persuni tal-eta bil-ghan li jigu sfruttati ghall-prostituzzjoni; (3) u aktar talli b'xi mod li kien, xjentement, ghenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt u cioe lil Raymond Mifsud, fl-atti li bihom id-delitt ta' traffikar ta' persuni tal-eta bil-ghan li jigu sfruttati ghall-prostituzzjoni, gew ippreparati jew ikkunsmati; (4) u aktar talli xjentement ghexet ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuni ta' nazzjonalita barranija; (5) u kif ukoll talli zammet jew ezercitat jew kellha sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali.
Tatiana Elkina ddikjarat ruhha bhala xhud tal-Prosekuzzjoni f'kawzi ohra u kkoperat mal-pulizija fl-investigazzjoni taghhom.
Ghal dan, Tatiana Elkina giet ippremjata mhux ftit meta wiehed jikkunsidra illi hija giet ikkundannata ghall-piena ta' prigunerija ta' sentejn (2) sospizi ghal erba' (4) snin, filwaqt li l-esponent gie kkundannat ghall-piena ta' erba' (4) snin prigunerija effettivi.

19) Mill-banda l-ohra, it-tlett tfajliet Russi gew offruti l-possibilita li jiehdu l-pedana tax-xhieda u jipprogettaw lilhom infushom bhala tliet vittmi minflok tliet prostituti avventuruzi li gew Malta minghajr 'work permit' bit-tama li jaqilghu iktar flus hawn Malta billi jidhlu ghall-prostituzzjoni volontarjament. Huwa immaterjali jekk dan kienx tort biss tal-Prosekuzzjoni jew kienx tort kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tal-Qorti.

20) In kwantu ghar-reat li tieghu l-esponent instab hati, u cioe dak taht l-artikolu 248B tal-Kap. 9, l-elementi li jaghmlu dan ir-reat jinkludu necessarjament l-uzu ta' wiehed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 248A(1) tal-Kodici Kriminali.

21) F'dan il-kaz, il-kunsens - jew ahjar, l-ghazla, tat-tlett tfajliet li jigu Malta biex jaqilghu l-flus mill-prostituzzjoni, kif juri l-passat taghhom, jgib fix-xejn kull wiehed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 248A(1) tal-Kap. 9, u cioe -
(a) vjolenza jew theddid, inkluz is-serq ta' persuna;
(b) qerq jew ingann;
(c) uzu hazin tal-awtorita, influwenza jew pressjoni;
(d) li wiehed jaghti jew jircievi hlasijiet jew beneficcji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li jkollha l-kontroll fuq persuna ohra;
(e) abbuz ta' poter jew ta' pozizzjoni ta' vulnerabbilita.

22) Fil-kaz odjern, l-esponent gie ddikjarat mhux hati fir-rigward tal-paragrafi (a) u (b), u rrizulta ampjament illi Tatiana Elkina kienet dik li mmanipulat lit-tlett tfajliet, tant hu hekk illi:

• Olga Morosova xehdet: "It was Tatiana that made the arrangements for us to come to Malta.";
• Irina Solozobova xehdet: "It was Tatiana that made me the offer to work in Malta.";
• Liliya Chesta xehdet: "It was Tatiana that contacted me about this contest."
Barra minn hekk, minn imkien ma rrizulta illi l-esponent ta jew ircieva hlasijiet jew beneficcji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li kellha l-kontroll fuq dawn il-persuni, jigifieri Tatiana Elkina.

23) Dan kollu premess juri li kemm il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali ma kkonducewx smigh xieraq tal-kaz, u dan peress li la osservaw il-ligi sostantiva dwar ir-reat li tieghu l-esponent gie misjub hati u lanqas osservaw id-dettami procedurali fir-rigward tal-htiega li x-xiehda tkun assodata permezz ta' provi li jfornu 'korroborazzjoni' sufficjenti. Ghalhekk, ir-rikorrent sofra lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq iggarantit mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319).

24) Illi sehhet vjolazzjoni separata tal-imsemmi Artikolu 6 - subinciz (2) tal-Konvenzjoni Ewropeja meta l-principju dwar il-presunzjoni tal-innocenza ma giex rispettat. L-applikazzjoni tal-artikolu 248B tal-Kodici Kriminali fil-kaz odjern holqot 'an irrebutable presumption' illi l-esponent ghandu jwiegeb ghall-imgieba ta' Tatiana Elkina ghaliex hija kienet ii-partner tieghu. Il-mod kif gie applikat l-artikolu 248B fil-kaz tal-esponent, holqot dik li tammonta ghal 'strict liability offence', billi dak li ma kienx konsapevoli minnu l-esponent fir-rigward tat-tlett tfajliet tqies irrilevanti, u, minflok, ix-'scienter’ jew element intenzjonali ta' Tatiana Elkina tqieset bhallikieku kien ix-'scienter’ jew qaghda intenzjonali tieghu.

25) Illi l-fatti hawn fuq imsemmija jikkostitwixxu wkoll lezjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Stabbilit illi kienet Tatiana Elkina li tkellmet ma' u immanipulat lill-imsemmija tlett tfajliet biex jigu Malta, jekk l-esponent kienx jaf jew le illi l-imsemmija tlett tfajliet kienux prostituti jew le, jekk gewx hawn Malta biex jipprostitwixxu ruhhom jew le, u jekk gewx hawn Malta biex jaqilghu iktar flus billi jipprostitwixxu ruhhom f’Malta milli jipprostitwixxu ruhhom banda ohra, huma fatti materjali u rilevanti. Illi taht il-Kodici Kriminali, ma tezistix id-difiza ta' 'reasonable belief’ fir-rigward tal-kunsens o meno tal-allegati vittmi. Difatti, "Il-kunsens ta' vittma ta' traffikar jew ta' sfruttament, kemm jekk mahsub jew fattwali, ma jkunx relevanti fejn kwalunkwe mezz kif stabbilit fis-subartikolu (2) ikun gie uzat." (Subinciz (3) tal-artikolu 248A tal-Kodici Kriminali).

26) Illi l-eskluzjoni tad-difiza ta' 'reasonable belief' fil-kaz odjern tikkostitwixxi interferenza sproporzjonata ghad-drittijiet tal-esponent iggarantiti mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Dan ghaliex l-esponent ma nghatatlux id-difiza ta' 'reasonable belief’ fir-rigward ta' x'riedu jew ma riedux it-tlett tfajliet barranin. L-artikolu 248B tal-Kodici Kriminali iwassal ghal vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja li jiggarantixxi d-dritt ghal hajja privata peress li ma jeskludix li l-allegati vittmi jkunu fir-realta gew Malta biex jipprostitwixxu ruhhom, u allura ma jkunu vittmi ta' sfruttament xejn. Jekk it-tfajliet kollha qablu illi huma gew ingaggati u manipulati minn Tatiana Elkina, u din fil-fatt gia kienet instabet hatja b'sentenza tas-27 ta' Ottubru 2005, kif setal-esponent jinzamm responsabbli talli dawn qatt ma gew infurmati illi l-ghan tal-permanenza taghhom f'Malta kellu jkun sabiex jaghmlu xoghol ta' prostituzzjoni? Hawnhekk, l-interferenza ghad-drittijiet tal-esponent iggarantiti mill-Artikolu 8 mhix proporzjonata ghaliex il-vittmi gew Malta ghax barra minn Malta ma kenux qeghdin

jiggeneraw bizzejjed qliegh u mill-Isvizzera ddecidew li jigu Malta biex jipprostitwixxu ruhhom hawnhekk, kif ukoll ghax ma gewx immanipulati biex jigu Malta minnu izda minn Tatiana Elkina. Ghalhekk l-interferenza hija sproporzjonata fil-kaz tieghu. L-artikolu 248B jirrizulta li huwa wiesgha wisq, u dina l-firxa tieghu tant wiesgha ma tippermetti illi l-ebda cirkostanza sservi bhala difiza ghal dan ir-reat - reat dan li gie deskritt fis-sentenza Pulizija vs Duncan Hall et (deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-22 ta' Lulju 2004) bhala "forma ta' viljakkerija u meskinita tal-aktar livell baxx". Dak li l-legislatur ried jolqot huwa dak l-agir li bih "persuna tezercita kontroll assolut fuq persuna ohra b'tali mod li dik il-persuna (tkun) imcahhda ghal kollox mil-liberta u dinjita taghha sabiex taghmel il-flus minn fuqha" (sentenza appena citata). Izda dan ma setax jaghmlu minghajr ma jippermetti difiza dwar 'reasonable belief', jigifieri, illi l-persuna akkuzata tkun temmen li t-tfajliet gew Malta biex jipprostitwixxu ruhhom, u jkun jirrizulta li ma gabhomx minn barra hu izda haddiehor. Jekk huma gew Malta biex jipprostitwixxu ruhhom biex jaghmlu aktar qliegh ma jkunx jaghmel sens li l-esponent jinstab hati ta' sfruttament ghall-prostituzzjoni, aktar u aktar meta jirrizulta li matul it-tlett ijiem li damu Malta huma kellhom liberta konsiderevoli.

27) Illi di piu, l-Artikolu 248B tal-Kodici Kriminali huwa diskriminatorju, minghajr l-ebda gustifikazzjoni ghal tali diskriminazzjoni, ghall-finijiet tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja mehud flimkien mal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja, u dan minhabba li jesponih ghal akkuza li ghaliha ma tezisti l-ebda difiza.

28) Illi barra minn hekk, ir-rikorrent sofra vjolazzjoni ohra tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja b'rizultat ta' dewmien eccessiv tal-proceduri kriminali kontra tieghu. Huwa tressaq il-Qorti fl-10 ta' Gunju 2004 u l-procediment kriminali kontra tieghu ntemm definittivament fit-23 ta' Frar 2017, u b'hekk inkiser ir-' reasonable time requirement'.

29) Illi r-rikorrent sofra wkoll vjolazzjoni tal-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) tal-Ligjiejt ta' Malta peress li ma giex rispettat fil-konfront tieghu d-dritt ghall-asistenza ta' avukat waqt l-interrogatorju mill-Ispettur Louise Calleja.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha -

1. Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tizgura t-twettiq tad-drittijet fondamentali tar-rikorrent.

2. Tiddikjara li r-rikorrent sofra vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) u 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea billi ma kellux smigh xieraq u nkisret il-presunzjoni tal-innocenza.

3. Tiddikjara illi r-rikorrent sofra lezjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

4. Tiddikjara wkoll illi kien hemm lezjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni marbut mal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

5. Thassar is-sentenza ta' erba' snin prigunerija imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Raymond Mifsud" (Appell 128/2012).

6. Tiddikjara li kien hemm dewmien eccessiv fil-proceduri kriminali mmexxija kontra tieghu u ghalhekk ir-rikorrent sofra vjolazzjoni taI-Artikolu 6(1) tal-tal-Konvenzjoni Ewropea minhabba li inkiser ir-'reasonable time requirement'.

7. Tiddikjara li kien hemm ksur tal-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea peress li r-rikorent ma inghatax id-dritt ta' assistenza t' avukat mill-hin tal-arrest tieghu u matul l-interrogatorju tieghu mill-ispettur Louise Calleja.

8. Tordna I-hlas ta' kumpens xieraq.

BI-ispejjez kontra I-intimat.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li tghid hekk:

Ir-rikorrent qieghed jilmenta Ii garrab ksur tad-drittijiet fundamental tieghu kif imharsa taht I-artikolu 6(1) u (2), I-artikolu 8 u I-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea minhabba I-mod ta' kif inqatqhu l-proceduri kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Raymond Mifsud mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Frar 2017. L-esponent Avukat Generali qed jikkontesta t-talbiet kollha maghmula mir-rikorrent u qieghed iqishom bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet Ii gejjin:
1. Illi I-ewwel talba tar-rikorrent mhijiex misthoqqha ghaliex ghar-ragunijiet Ii sejrin jinghataw aktar 'I isfel mhemmx htiega ghal din l-Onorabbli Qorti Ii tagnti ordnijiet jew direttivi billi fil-kaz taghna ma twettaq I-ebda ksur konvenzjonali;

2. Illi dwar it-tieni talba r-rikorrent ma jistax jinqeda b'dawn ll-proceduri konvenzjonali ghas-semplici raguni, Ii skont hu, il-Qrati Kriminali zbaljaw fis-sentenzi taghhom. Huwa maghruf kemm fid-duttrina kif ukoll fil-gurisprudenza Ii mhijiex il-funzjoni ta' din I-Onorabbli Qorti Ii ssewwi "zbalji' tal-qrati ordinarji. Ma jista' jkun hemm I-ebda dubbju illi l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew Ie vjolazzjoni ta' xi jedd fundamentali u mhux biex tistharreq jekk il-qrati ordinarji iddecidewx b'mod tajjeb it-tilwima Ii kellhom quddiemhom;
F'dan il-kaz huwa car anke bil-mod ta' kif gie mfassal ir-rikors konvenzjonali, Ii r-rikorrent qieghed jistieden iii din I-Onorabbli Qorti sabiex hija tidhol fil-mertu fattwali tal-kaz Ii gie finalment maqtugh mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Tabilhaqq ir-rikorrent imkien ma fisser b'liema mod gie mkasbar lilu I-jedd ta' smigh xieraq. Kulma ghamel ir-rikorrent huwa Ii kkontesta r-ragunijiet Ii wasslu liII-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u lill-Qorti tal-Appell Kriminali biex sabuh hati ta' whud mill-akkuzi mressqa kontrih. Fil-fehma tal-esponent tali kontestazzjoni tohrog 'il barra mill-iskrutinju konvenzjonali;

3. Illi multo magis mhux kull interpretazzjoni hazina tal-fatti hija ksur ta' jedd fondamentali u mhux kull meta kawza tintilef minhabba interpretazzjoni jew apprezzament hazina tal-fatti jaghti jedd illi I-mertu jkun ezaminat mill-gdid fid-dawl tal-ligijiet Ii jharsu I-jeddijiet fondamentali. Kif spiss jinghad f'dawn l-okkazjonijiet, qorti moghnija b'setghat kostituzzjonali/konvenzjonali ma ghandhiex tigi mibdula f'qorti tat-tielet jew raba' istanza. Tabilhaqq proceduri konvenzjonali taht il-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta mhumiex mahsuba biex iservu ta' appell jew kassazzjoni minn sentenzi Ii jkunu ghaddew in gudikat, u dan specjalment meta titqajjem allegata vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Proprju f'dan il-kaz ir-rikorrent qieghed jipprova jghatti I-ilment tieghu bil-libsa konvenzjonali meta dan ma huwa xejn hlief

appell gdid mill-apprezzament milhuq mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Iment bhal dan ma jistax jigi mistharreg mil-Ienti konvenzjonali u ghalhekk ghandu jigi mwarrab;

4. Illi hekk ukoll I-azzjoni konvenzjonali ma ghandhiex tintuza biex wara Ii jkunu gew mitmuma l-proceduri kriminali tinfetah opportunita gdida ghal hati biex iressaq provi godda jew differenti Ii huwa ma jkunx ressaq fil-proceduri kriminali;

5. IIli dejjem bla pregudizzju ghal dak Ii nghad aktar kmieni, safejn I-ilment tar-rikorrent jinsab mibni fuq I-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-jedd ta' smigh xieraq, I-intimat isostni Ii l-proceduri kriminali Ii issa qed jigu attakkati ma kienu mtappna mill-ebda sura ta' vjolazzjoni. Partikolarment jigi mtenni: (i) Ii l-proceduri kollha nzammu u gew determinati minn qorti indipendenti u imparzjali; (ii) Ii huwa kellu access miftuh ghall-qorti; (iii) Ii s-smigh kollu gie kondott fil-prezenza tieghu: (iv) Ii l-prosekuzzjoni ma kellha l-ebda vantagg procedurali fuq ir-rikorrent bi ksur tal-principju tal-ugwaljanza tal-armi; (v) Ii r-rikorrent nghata l-opportunita kollha Ii jiddefendi l-kaz tieghu minghajr ebda xkiel; (vi) Ii huwa kien meghjun minn avukat ta' fiducja tul il-proceduri u Ii (vii) Ii huwa gie moghti z-zmien u l-facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tal-kaz tieghu;

6. Illi f'kull kaz I-argument tar-rikorrent Ii I-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali apprezzat b'mod hazin il-fatti huwa ghalkollox fallaci. Jekk wiehed jaghrbel kif imiss il-provi Ii nqabru fl-atti tal-process kriminali wiehed ma jistax hlief jaqbel mar-ragunament u mal-konkluzjoni milhuqa fis-sentenzi tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u tal-Qorti tal-Appell Kriminali Ii sabu lir-rikorrenti hati tar-reati Ii jaqghu taht I-artikolu 248B tal-Kap. 9 u I-artikoli 7(1) u (3), 8(1), 9 u 10 tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta;
Bla tlaqliq u b'kuxjenza safja I-esponent jishaq Ii s-sejbien ta' htija tar-rikorrent kienet wahda tassew gusta u legittima meta mqabbla mar-rizultanzi processwali. Mill-ghadd tal-provi rrizulta mhux biss Ii I-ghemil zieni gie mwettaq fil-proprjeta tar-rikorrent izda anke kien hemm sitt xhieda (Olga Morosova, Irina Solozobova, Liliya Chesta, Tatiana Elkina, Lizio Delia u Kevin Amato) li kollha stqarru Ii r-rikorrent kien involut b'mod dirett fit-traffikar ta' persuni glial skopijiet ta' prostituzzjoni. Fil-process kriminali ma ngiebet I-ebda prova dokumentarja jew testimonjali min-naha tar-rikorrent biex twaqqa' dawn is-sitt verzjoniiiet Ii kollha jaqblu ma' xulxin. Barra minn hekk ma kien hemm I-ebda raguni tajba ghaliex dawn is-sitt xhieda ma kellhomx jitwemmnu. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk il-qrati kriminali fuq il-provi mressqa quddiemhom setghu serenament jaslu ghas-sejbien ta' htija tar-rikorrent;

7. IIli mbaghad biex tigi mwiegba certu sottomissjoni tar-rikorrent, imbilli whud mix-xhieda kienu kornplici mal-imsemmi rikorrent dan ma jfissirx b'daqshekk Ii I-verzjoni taghhom ma tiswiex, hija inqas valida jew ma ghandhiex mis-sewwa. Tabilliaqq ir-rikorrent ma ghandu I-ebda jedd fundamentali illi jippretendi illi xhieda ta' komplici ma tinghatax kontrih ghax semplicement din tista' tkun sfavorevoli ghalih. Id-dritt Ii ghandu r-rikorrent huwa Ii jwettaq il-kontro-ezami ta' dak ix-xhud biex iservi bhala mezz ta' kontroll tax-xhud izda mhux Ii ma jhallihx jitla' jixhed. Wara kollox id-drittijiet fundamentali tal-bniedem mhumiex qeghdin hemm biex jaghtu c-cans lir-rikorrent jostor il-verita jew biex jigu mwarrba dawk il-provi Ii ma jkunux joghgbu lir-rikorrent;

8. lllì b'rabta ma' dan tajjeb Ii wiehed izomm f’mohhu wkoll Ii d-dispozizzjonijiet tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem ma jirregolawx l-ammissibilita tal-provi nfushom,

jew kif dawn il-provi ghandhom jingabru jew jigu pprezentati. Dawn id-dispozizzionijiet jesigu biss li b'reazzjoni ghall-provi li tressaq il-prosekuzzjoni, l-akkuzat ikollu f’xi stadju l-opportunita li jikkontroezamina x-xhieda tal-prosekuzzjoni b'referenza ghal dak li jkunu qalu dwaru u kif ukoll li jkollu l-opportunita li jipproduci u jezamina xhieda in difiza bl-istess mod u taht l-istess kundizzjonijiet bhalma l-prosekuzzjoni tipproduci u tezamina xhieda kontrih;

9. Illi dejjem fil-kuntest tax-xhieda tal-komplici l-esponent jichad bil-qawwa kollha l-allegazzjoni tar-rikorrent li wiehed mill-komplici gie pprocessat leggerment jew gie mwebbel b'xi vantagg sabiex jixhed kontra r-rikorrent. Lilhinn mill-fatt li l-piena ma taghtihiex il-prosekuzzjoni izda l-Qorti, jibqa' l-fatt li l-prosekuzzjoni bl-ebda mod u fl-ebda cirkostanza ma ppruvat tinfluwenza xi xhud dwar kif ghandu jixhed. Din l-allegazzjoni tar-rikorrent ghalhekk qeghda titqies bhala wahda offensiva u libelluza. b'dana li r-rikorrent qed jigi mistieden biex jirtiraha;
Ghaldaqstant l-ewwel parti tat-tieni talba tar-rikorrent kif imsejjes fuq l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghandu jigi michud:

10. IIli bla hsara ghall-premess, safejn l-ilment tar-rikorrent huwa mibni fuq allegat ksur tal-prezunzjoni tal-innocenza kif imhares taht l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent jitlaq billi jghid illi kif imfisser f’sentenzi ewlenin moghtija mill-Qorti Ewropea, il-prezunzjoni tal-innocenza tfisser, fost l-ohrajn, li l-piz tal-prova jaqa' generalment fuq il-prosekuzzjoni. Appuntu f’dan il-kaz l-oneru tal-prova kien mixhut mill-bidunett fuq il-prosekuzzjoni li riedet turi li r-rikorrent kien hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih. Ghalhekk minn dan l-aspett ma jistax jinghad li l-principju tal-prezunzjoni tal-innocenza gie b'xi mod imxellef;

11. Illi l-argument tar-rikorrent li l-applikazzjoni tal-artikolu 248B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta holqot xi ghamla ta' prezunzjoni juris et de jure kontrih ma jaghmilx sens. Anzi l-esponent ma jiddejjaqx jghid li dan l-argument huwa ghalkollox fieragh. Testimonjanza ta' persuna ma tista' qatt tohloq prezunzjoni li ma tistax titwaqqa'. Li tista' taghmel testimonjanza huwa li toffri konvinzjoni f'mohh il-gudikant li dik il-verzjoni hija ta' min joqghod fuqha. Ghalhekk imbilli qorti wara li taghmel id-deliberazzjonijiet taghha tasal biex temmen u toqghod fuq verzjoni ta' xhud ma jfissirx b'daqshekk li giet mahluqa xi prezunzjoni kontra l-akkuzat. lfisser biss li l-Qorti tkun sodisfatta li ngabu provi tajba u bizzejjed mill-prosekuzzjoni li juru li r-rikorrent huwa tassew hati tar-reat li jkun gie mixli bih;

12. Illi l-principju tal-prezunzjoni tal-innocenza ma jfissirx li l-prosekuzzjoni ma setghetx tressaq provi u xhieda biex juru li r-rikorrent huwa hati tar-reati li kienet akkuzat bihom. Bhalma lanqas ma jfisser li l-qrati kriminali ma setghux joqghodu fuq ix-xhieda ta' Tatiana Elkina biex huma jkomplu jsahhu l-konvinzjoni taghhom li r-rikorrent tabilhaqq kiser id-dispozizzjoni tal-artikolu 248B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Ladarba hawnhekk is-sejbien ta' htija giet konkluza fuq is-sahha ta' xhieda probattiva fl-atti processwali, ir-rikorrent taht l-ebda tigbid ta' immaginazzjoni ma jista' jilmenta li huwa nstab hati fuq xi prezunzjoni jew suppozizzioni legali. Jigi b'hekk li anke t-tieni bicca tat-tieni talba tar-rikorrent kif imsejsa fuq l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea mhijiex misthoqqha, b'dana li t-tieni talba ghandha tigi michuda kollha;

13. Illi bla hsara ghall-premess, dwar it-tielet talba tar-rikorrent, jissokta jinghad li l-esponent qajla jifhem kif il-fattizzi ta' dan il-kaz jinkwadraw ruhhom taht il-jedd ghar-rispett tal-hajja kif imhares taht l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Ladarba c-cirkostanzi f'dan il-kaz eskalaw fi proceduri gudizzjarji, is-sitwazzjoni ma baqghetx aktar kwistjoni privata izda saret materja ta' natura pubblika u ghalhekk harget il-barra mill-parametri tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea;

14. Illi anke kieku stess l-Istat ghandu fic-cirkostanzi li jahseb ghalihom l-artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni Ewropea kull dritt li mhux biss jindahal fil-hajja privata ta' dak li jkun billi jmexxi proceduri kriminali kontra min ikun suspettat bi twettiq ta' reat izda anke li jcahhad il-liberta ta' dik il-persuna (ara artikolu 5(1 )(e) tal-Konvenzjoni Ewropea). Proprju f'dan il-kaz is-suspett tant kemm kien ragonevoli li r-rikorrenti spicca biex instab hati mill-Qrati Kriminali;

15. Illi fuq il-kwistjoni tal-eskluzjoni tad-difiza tar-'reasonable belief imqajma f'paragrafi 25 u 26 tar-rikors konvenzjonali, l-esponent iwieqeb li l-artikolu 8 ma jidholx dwar il-mod kif jigu fformulati r-reati kriminali jew dwar x'ghandhom ikunu l-elementi li joholqu dawk ir-reat. Sakemm id-deskrizzjoni tar-reat ikun wiehed car u prevedibbli l-Istat igawdi minn diskrezzjoni dwar liema ghemil ghandu jikkostitwixxi reat taht il-ligi domestika. Jigi b'hekk li r-rikorrent ma jistax jinvoka l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea biex jinnwetralizza l-effetti tal-artikolu 248A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

16. Illi lil hemm minn dan, l-esponent ma jifhimx kif l-Istat qieghed jindahal fil-hajja privata tar-rikorrent ghaliex fir-reat tat-traffikar ta' persuni ghal skopijiet ta' prostituzzjoni l-kunsens tal-persuna traffikata huwa irrilevanti. L-esponent ma jara xejn hazin ghaliex l-Istat jippenalizza dan it-traffikar anke f'kaz li l-persuna traffikata tkun tat il-kunsens taghha;
Fis-sewwa din mhijiex pozizzjoni legali li tinsab esklussivament fil-ligi Maltija izda hija pozizzjoni li hija riflessa wkoll fil-ligi internazzjonali. Tant hu hekk li kemm fl-artikolu 3(b) tal-Protokoll ghall-Prevenzjoni, Soppressjoni u Kastig tat-Traffikar tal-Persuni, Specjalment ta' Nisa u Tfal mahruga mill-Gnus Maghquda, kemm fl-artikolu 1(2) tad-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/629 GAI dwar il-glieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u kif ukoll fl-artikolu 2(4) tad-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni u l-glieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tieghu, jesprimu l-principju li l-kunsens ta' vittma tat-traffikar tal-persuni ghall-isfruttament, mahsub jew reali, ghandu jkun irrelevanti;

17. Illi f'kull kaz anke jekk kellu wiehed jitfa' fil-genb dan kollu, ir-rikorrent xorta ma ghandux ragun fl-ilment tieghu ghaliex kif instab mill-qrati kriminali fis-sentenzi moghtija kontrih l-ebda wahda mit-tlitt vittmi ma taw il-kunsens tagghom biex jigu sfruttati u uzati ghal ghanijiet ta' prostituzzjoni;
Ghaldaqstant thares minn fejn thares anke t-tielet talba tar-rikorrent kif impustata fuq l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ma tixraqx li tigi milqugha;

18. Illi ghal dak li jirrigwarda r-raba' talba fuq l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, jigifieri l-ilment mibni fuq allegata diskriminazzjoni, l-esponent jissottometti li r-rikorrent naqas milli jindika fuq liema kawzali jew status huwa allegatament gie diskriminat. Ghalhekk fuq din ir-raguni biss l-ilment tar-rikorrent ma jistax jigi kkunsidrat;

19. Illi anke kieku stess l-ilment fuq dan l-artikolu ma jistax jirnexxi gliax ir-rikorrent ma fissirx ·fuq liema bazi gie diskriminat u lanqas ma' min gie diskriminat;

20. Illi l-esponent jaghlaq fuq dan ii-punt billi jtenni li l-artikolu 248B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma johloq l-ebda ghamla ta' diskriminazzjoni ghaliex japplika bl-istess mod ghal kullhadd;
Ghaldaqstant anke ir-raba' talba ma ghandhiex tintlaqa';

21. Illi ghar-ragunijiet fuq imfissra anke l-hames talba tar-rikorrent biex tigi mhassra s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ma tistax tigi accettata. Dan ghaliex ladarba ma kien hemm l-ebda lezjoni tal-jeddijiet tar-rikorrent allura ma hemmx raguni tajba biex tigi mhassra din is-sentenza;

22. Illi meta wiehed iqis ic-cirkostanzi li taghhom instab liati r-rikorrent, wiehed ma jistax b'kuxjenza kwieta, b'daqqa ta' pinna, jaqbad u jhassar proceduri kriminali li anke r-rikorrent jaf, jekk irid ikun sincier mieghu nnifsu, li dawn kellhom ezitu xieraq u skont il-haqq. Wara kollox id-drittijiet fundamentali huma mahsuba biex jipprotegu lill-kommunita u mhux biex jigu uzati bhala ghodda halli b'hekk tigi sanzjonata d-delinkwenza u l-kriminalita. Inkella d-drittijiet fundamentali minn protezzjoni jsiru theddida ghas-socjeta;

23. Illi fl-ahharnett dwar is-sitt u s-seba' talba, dawn ukoll ma jistghux jintlaqghu ghaliex fil-fehma tal-esponent ma kien hemm l-ebda dewmien irragonevoli;

24. Illi dwar dan l-aspett jissokta jinghad li l-fatt li l-proceduri kriminali damu ghaddejja ftit aktar minn tnax-il sena ma jfissirx b'daqshekk li b'mod awtomatiku ghandu jinsab li kien hemm dewmien ingustiflkat, Tabilhaqq hija gurisprudenza kostanti u stabbilita li l-irragonevolezza taz-zmien ma ghandux jigi determinat fl-astratt jew min-numru ta' snin li tkun damet ghaddejja l-kawza, imma ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz li jkun. Ghalhekk, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjoni trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura;

25. Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkunsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrent irid jigi ppruvat li mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien kien wiehed kappriccjuz u mahsub biss biex jizvantaggah fit-tgawdija tad-drittijiet tieghu skont il-ligi. Proprju fil-kaz tallum id-dewmien ma kienx wiehed kappriccjuz jew irragonevoli izda kien dovut minhabba n-natura u l-komplessita tal-proceduri in kwistjoni;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-esponent Avukat Generali umilment jitlob lii din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat l-atti, kif ukoll il-process kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Mifsud, u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Ir-rikorrent Raymond Mifsud xehed li wara li miet missieru u telqitu l-mara tieghu, kien beda johrog ma' Tatiana Elkina, wahda Russa, imbaghad bdiet tghix mieghu fil-post li ghandu f'25, Imgieret Road, Luqa. Wara certu zmien din gabet xi hbieb taghha Russi u accettahom fid-dar tieghu. Kull ma ghamlu hemm tlett ijiem. Dawn ma kienux jitkellmu bl-Ingliz. Tatiana qabel kienet mizzewga lil Lizio Delia. Dan u Kevin Amato kienu gew ghandu. Dawn marru man-nisa l-ohra Russi. Imbaghad wara tlett ijiem arrestawh u gie interrogat mill-Spettur Louise Calleja. Dan kien fit 2004 u ma kienx assistit minn avukat. Meta ressquh l-Qorti hu kien assistit min Dr Giannella Caruana Curran u Dr Manwel Mallia. Hu kien gie akkuzat ma' Tatiana Elkina. Hija ammettiet u wara xehdet kontra Amato u kontra tieghu. Hu ma jitkellimx la bl-Ingliz u lanqas bir-Russu. Hu qed jaghmel din l-kawza kostituzzjonali ghax dawk l-affarijiet ma ghamilhomx hu imma Tatiana.

L-ispettur Louise Calleja esibiet is-sentenza Dok. LC1 a fol. 84 li nghatat kontra Tatiana Elkina wara ammissjoni taghha fis-27 ta' Ottubru 2005. Ma tiftakarx li kien hemm xi ftehim mal-pulizija biex hija tinghata piena leggera. Hi kienet xehdet kontra r-rikorrent, izda ma tafx jekk xehditx fil-kaz ta' Kevin Amato.

Lizio Delia xehed li kien izzewweg lil Tatiana Elkina biex dina tkun tista tibqa` Malta.Qatt ma ghex maghha bhala mizzewweg. Hu kien iltaqa ma' zewg nisa Russi li kienu mar-rikorrent f'bar Marsascala. Kien wkoll iltaqa ma ohra Liria Cesta meta kienet sejra l-Airport. Hu kien qal lil Tatiana biex tapplika biex dina Cesta tigi Malta biex tghix mieghu. Lil Tatiana jafha ghand ir-rikorrent ir-razzett. Kien ikun hemm in-nisa russi l-ohra. Dan kien f'perjodu ta' sitt xhur b'kollox. F'dawn is-sitt xhur kien imur il-farmhouse u jarahom hemm. Lil dawn in-nisa Russi jafhom mill-bidu fuq perjodu ta' erba, hames xhur. Meta kien imur ir-razzett il-bicca l'kbira kien jarahom hemm u gieli le. Lil Cesta raha hemmhekk xi tlett darbiet ghax ma riditx tibqa Malta. Gieli kien jghaddi xi hin hemm u anke sajjar fil-kcina. Dawn in-nisa kienu jitkellmu xi haga bl-Ingliz u anke hu kemm jiddobba. Kienu baghtu ghalih il-pulizija u kien ghamel statement. Ma jafx jekk kienx qed isir burdell fir-razzett billi huwa ma kienx idum

hemm zmien twil. Kien xehed fil-kaz kontra r-rikorrent u kkonferma li meta kien mar ir-razzett Elena u Olga kienu qalulu li kienu hemm ghal skopijiet ta' prostituzzjoni kif kien xehed fil-kaz kontra r-rikorrent. Hu kien mar xi erba darbiet ma' Olga u darba ma' Elena f'dawn il-hames xhur fir-razzett tar-rikorrent u kien jaghtihom il-flus lilhom direttament. Gieli kien ikun hemm Mifsud prezenti fir-razzett. Meta kien ikun hemm huwa ma kienx jara rgiel ohra dehlin u hergin.

Deputat Kummissarju Silvio Valetta xehed li minhabba d-data Protection ma ghadhomx izommu l-informazzjoni li ntalbet. Illum il-gurnata bhala visa m'ghadiex ir-responsabilita tal-pulizija imma tal-Identity Malta.

**Talbiet u kontestazzjoni**

Ir-rikorrent qieghed jilmenta li garrab ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu kif imharsa taht l-artikolu 6(1) u (2), 6(3)(c) l-artikolu 8 u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea minhabba l-mod kif inqatghu l-proceduri kriminali fl-ismijiet Il- Pulizija vs Raymond Mifsud mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Frar 2017.

L-esponent Avukat Generali qed jikkontesta t-talbiet kollha maghmula mir-rikorrent.

**It-tieni talba**

Illi fit-tieni talba tieghu r-rikorrent jilmenta minn ksur tal-Artikolu 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropeja billi ma kellux smigh xieraq u ghax nkisret il-presunzjoni tal-innocenza.

**Smigh xieraq u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.**

Ir-rikorrent issottometta li biex hu jinsab hati ta' reat, huwa essenzjali li l-fatti addebitati lilu jkunu tassew gew imwettqa minnu. Hu xehed li ghamel din l-kawza kostituzzjonali ghax l-affarijiet li gie akkuzat bihom m'ghamilhomx hu imma Tatiana Elkina (ara fol. 39) li tefghet l-balla taghha kollha fuqu (fol. 37). Il-lanjanza tieghu hija li kemm il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tawhx smigh xieraq peress li la osservaw il-ligi sostantiva dwar ir-reat li tieghu hu gie misjub hati u lanqas osservaw id-dettami procedurali fir-rigward tal-htiega li x-xiehda tkun assodata permezz ta' provi li jfornu korroborazzjoni sufficjenti.

Essenzjalment ir-rikorrent qed jitlob riezami tal-kaz tieghu kif deciz finalment mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Kif jiktub l-awturi **Jacobs and White**, *The European Convention on Human Rights*, (Third Edition), f'pagna 140:

> Every month the Court of Human Rights receives many hundreds of letters complaining about the decisions reached by national courts in civil and criminal trials. These applications are, however, based on a fundamental misconception of the Convention system. **The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention.** Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgment, as the case may be".

(ara **Valfracht Maritime et vs Avukat Generali**, 22/11/2006; **Joseph Bellizzi et vs Awtorita Marittima ta' Malta et**, 27/02/2009; **Mark Lombardo et v Kunsill Lokali Fgura et**, 08/01/2010; **Nazzareno Muscat et vs Avukat Generali**, 31/05/2010; **J.E.M. Investments Ltd vs Avukat Generali et**, 30/09/2011; **Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali et**, 03/10/2014; **Marks and Charles Ltd et vs Avukat Generali et,**, 12/02/2018; **Garcia Ruiz vs Spain**, 1999; **Anderson vs U.K.**, 1999; **Blucher vs Czech Republic**, 2005)

Ir-rikorrent ma jistax jinqeda b'dawn il-proceduri kostituzzjonali u konvenzjonali ghas-semplici raguni, li skont hu, il-Qrati Kriminali zbaljaw fis-sentenzi taghhom jew ghax ma emmnux il-versjoni tieghu. Il-garanziji li jaghti l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni huwa dwar il-korrettezza tal-process u mhux dwar il-korrettezza tar-rizultat, appuntu ghax il-qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali/konvenzjonali ma humiex qrati ta' appell minn decizjonijiet tal-qrati ordinarji.

Dina l-qorti tista' madankollu tifli l-atti processwali tal-kawza li fiha jitnissel l-ilment tar-rikorrent u kif ukoll il-mertu maqtugh f'dak il-procediment, safejn l-ilment jimpingi fuq xi jedd tal-individwu li r-ragunament tal-qorti kien arbitrarju jew irragonevoli ghal kollox. Imma, il-fatt wahdu li r-rikorrent jishaq li huwa innocenti tal-akkuzi li dwarhom instab hati ma jissarrafx fi ksur tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq. Jehtieg jintwerew ragunijiet aqwa minn hekk u l-piz li jintwerew dawn ir-ragunijiet jaqa' fuq ir-rikorrent li jallega l-ksur tal-jedd (**Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et**, Kost 09/10/2017).

Quddiem dina l-Qorti r-rikorrent rega ressaq l-stess ragunijiet li fil-fehma tieghu l-Qrati kriminali naqsu milli jikkunsidraw jew ikkunsdiraw minn lenti hazina meta gew biex igharblu l-provi u t-testimonjanza.

Kif gie deciz fil-kaz **Poletan and Azirovik vs The former Yugoslav Republic of Macedonia**, 12/05/2016):

> The role of the (Strasbourg) Court is essentially subsidiary to that of the national authorities which were better placed to assess the credibility of evidence with a view to establishing the facts.

Dan ghaliex id-disposizzjonijiet tal-jeddijiet fondamentali tal-bniedem ma jirregolawx l-ammissibilita tal-provi nfushom, jew kif dawn il-provi ghandhom jingabru jew jigu pprezentati.

Inoltre dak li jrid jigi ezaminat minn dina l-Qorti huwa dak li hemm fil-process kriminali li minnu r-rikorrent qed jilmenta u mhux dak li ma kienx jifforma parti mill-atti processwali jew provi godda. Ma giex pruvat u ma jirrizultax mill-atti li r-rikorrenti b'xi mod ma thalliex jixhed fil-proceduri kriminali. Kieku gara hekk zgur li d-difiza tar-rikorrent kienet tipprotesta u wiehed kien jistenna li dan kien ikun l-ilment ewlieni tieghu dwar ksur tad-dritt ta' smigh xieraq, imma haga bhal dina ma tissemiex fir-rikors konvenzjonali.

L-ilment tar-rikorrent li l-affarijiet li gie akkuzat bihom m'ghamilhomx hu imma Tatiana Elkina diga gie ezaminat kemm mill-Qorti tal-Magistrati kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali u dawn sabu li fuq dan l-ilment ir-rikorrent ma kellux mis-sewwa.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet:

> L-lanjanza ewlenija imressqa mill-appellanti tikkoncerna essenzjalment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti fejn allura fil-fehma tieghu ma hemmx il-prova sal-grad rikjest mill-ligi penali dwar l-ingann jew il-qerq li bih it-tlett tfajliet involuti spiccaw joffru servizzi sesswali ghal hlas lill-irgiel li l-appellanti laqqaghhom maghhom. L-appellanti jallega illi dawn it-tlett tfajliet gew Malta konsapevoli tal-fatt illi kienu ser jipprostitwixxu rwiehhom.
> Il-Qorti kompliet:
> Issa l-appellanti ma jistax ighid li ma kienx involut fit-trasferiment jew trasport tat-tlett tfajliet u jitfa' l-htija fuq il-partner tieghu dak iz-zmien certu Tatiana Elkina, li l-kaz taghha diga ghadda in gudikat. Dan ghaliex huwa fatt ippruvat, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata, illi l-appellanti ha l-izbriga illi joffri residenza lil dawn it-tfajliet u anke laqghhom ma' irgiel ghal skopijiet ta' prostituzzjoni f'farmhouse li kienet proprjeta tieghu fejn hemmhekk inzammu mizmuma. Il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha issib illi l-verzjoni ta' dawn it-tfajliet hija wahda pjenament ikkoroborata mhux biss minn dak li jistqarru huma izda ukoll minn dak mistqarr minn din Tatiana, Lizio Delia u Kevin Amato, l-ahhar tlieta kollha komplici fil-kummissjoni tar-reat flimkien ma'l-appellant.
> Illi jirrizulta mill-atti u senjatament mix-xhieda ta' dawn it-tlett tfajliet illi ghalkemm huma iddahhlu Malta b'mod legali, madanakollu qatt ma gew infurmati illi l-ghan tal-permanenza taghhom f'pajjizna kellu jkun sabiex jaghmlu xoghol ta' prostituzzjoni. Tant dawn t-tfajliet kienu mizmuma kontra r-rieda taghhom li wahda minnhom spiccat ikkuntattjat lil ommha gewwa r-Russja biex titlob l-ghajnuna, b'Liliya Chesta imbaghad tirrakonta kif hija giet mhedda u maqfula gewwa garage ghal granet shah mill-appellanti fejn bil-kemm inghatat x'tiekol ghaliex ippruvat taqbez recint biex tahrab u dan meta irrifjutat tipprostitwixxi ruhha. Mhux biss izda giet mizmuma appartata mit-tfajliet l-ohra bl-iskuza li din kienet mignuna. Giet rilaxxjata mill-appellanti meta dan induna li kienu gew ikkuntattjati l-awtoritajiet (Ara Dok. TA1) u li allura kien ser jinqabad mill-pulizija, meta imbaghad dawn it-tlett tfajliet gew mehuda l-ajruport sabiex ifittex jehles minnhom u jibaghthom lura f'pajjizhom

Illi proprjament ir-rikorrent imkien ma fisser b'liema mod gie mkasbar lilu l-jedd ta' smigh xieraq. Kulma ghamel ir-rikorrent huwa li rega' ikkontesta r-ragunijiet li wasslu lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u lill-Qorti tal-Appell Kriminali biex sabuh hati ta' whud mill-akkuzi mressqa kontrih.

Skond ir-rikorrent l-ebda wahda mix-xhieda nisa u l-ebda wiehed mix-xhieda rgiel ma tista' sservi ta' korroborrazzjoni ghax in-nisa huma kollha komplici fir-reat ta' prostituzzjoni libera ppratikata minnhom. Illi fil-fehma ta' dina l-Qorti din hija kwistjoni li kellha tigi deciza minn Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali u mhux minn Qorti Kostituzzjonali u kif gia nghad il-garanziji li jaghti l-artikolu 6 huwa dwar il-korrettezza tal-process u mhux dwar il-korrettezza tar-rizultat. Il-funzjoni tal-Qorti fil-gurisdizzjoni

Kostituzzjonali/Konvenzjonali taghha mhijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tiddeciedi jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew 'le'. Il-kompitu ta' dina l-Qorti mhux li tindahal fl-apprezzament tal-provi imma li tkun sodisfatta li l-process ikun wiehed xieraq (**Camilleri vs Malta**, 16/03/2000).

Il-Qorti Kriminali emnet lix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u r-rikorrent la xehed u lanqas ressaq xhieda biex imeru l-versjonijiet moghtija minn dawn in-nies kollha.

Ir-rikorrent jippremetti wkoll fir-rikors tieghu li l-Pulizija Investigattiva hadet id-decizjoni illi tipprocessa 'leggerment' lil Tatiana Elkina, li helsitha hafif b'sentenza sospiza, sabiex din tinghata incentiv u weghda ta' vantagg billi titfa' l-htija fuq ir-rikorrent.
L-intimat cahad bil-qawwa kollha l-allegazzjoni tar-rikorrent li Tataina Elkina giet pprocessata leggerment jew li giet imwebbla b'xi vantagg sabiex tixhed kontra r-rikorrent. Ighid li lil hinn mill-fatt li l-piena ma taghtihiex il-prosekuzzjoni imma l-Qorti, jibqa' l-fatt li l-prosekuzzjoni bl-ebda mod u fl-ebda cirkostanza ma ppruvat tinfluwenza xi xhud dwar kif ghandu jixhed. Din l-allegazzjoni tar-rikorrent ghalhekk ghandha titqies bhala wahda offensiva u libelluza, u talab li r-rikorrent jirtiraha.

Illi fis-sentenza fil-konfront ta' Tatiana  Elkina tas-27 ta' Ottubru 2005 (Dok. LC1) l-imputata ddikjarat ruhha bhala xhud tal-Prosekuzzjoni f'kawzi ohra marbuta ma' dan il-kaz u li kkoperat bis-shih mal-pulizija fl-investigazzjoni taghhhom. Hi giet moghtija piena a bazi ta' sentenzi precedenti tal-Qrati fuq l-istess mertu b'mod partikolari tisemma s-sentenza l-**Pulizija vs Duncan Hall et** datata 22 ta' Lulju 2004. Ghalhekk il-Qorti mxiet fuq prassi stabbilita u mhux xi piena hafifa imhabba xi ftehim specjali maghha. Hi giet ikkundannata  sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin u l-piena giet moghtija mill-Qorti u mhux mill-prosekuzzjoni.

Kif intqal fis-sentenza **Il-Pulizija vs Maurice Agius**, App Krim 13/11/2009:

> Din il-Qorti trid tissottolinea li s-sentenza ta' prigunerija sospiza mhix, kif jahsbu xi whud, a let off jew semplicement a slap on the hand. Min ikun gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija sospiza jrid ikun, matul il-periodu operattiv taghha, kif jghid il-Malti, "imqarar u mqarben", ghax appena huwa, matul dak il-periodu, jikkommetti xi reat iehor li ghalih hemm stabbilita piena

ta' prigunerija, meta jinstab hati ta' dak ir-reat l-iehor tigi attivata l-piena ta' prigunerija li tkun giet hekk sospiza, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha

Piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin mhijiex xi piena hafifa.

Illi Tatiana Elkina kellha l-istess akkuzi bhar-rikorrent u wehlet piena anqas mir-rikorrent ghax ammettiet l-akkuzi dedotti kontra taghha mhux kif ghamel ir-rikorrent. La darba nghatat s-sentenza kontra taghha hija setghet tixhed kontra r-rikorrent kif inhi l-prassi billi ma setghetx aktar tinkrimina ruhha. Ir-rikorrent ma kellu ebda dritt li jwaqqaf lil Tatiana milli tixhed imma kellu dritt li jikkontroezaminaha u jwaqqa l-kredibilita taghha. Anke jekk xi xhud seta jigi konsidrat bhala komplici dan ma setghatx jigi eskluz milli jixhed semplicement minhabba f'hekk izda x-xhieda tieghu kellha tigi kontrollata skond ir-regoli tal-procedura. Jigi rilevat ukoll li mhux Tatiana biss xehdet kontra r-rikorrent imma kien hemm diversi xhieda ohra li ghamlu l-istess.

Illi fil-fehma tal-Qorti ghalhekk dina l-allegazzjoni ta' kolluzjoni hija bla bazi u ghandha tigi rtirata. Hija allegazzjoni biss u bl-ebda mod ma giet sostanzjata. Meta r-rikorrent xehed a fol. 37 hu qal li "huma qalulha tixhed kontra ..." imma imkien ma jsemmi min kienu dawn il-persuni li geghluha taghmel hekk, u lanqas ma ressaq lil Tatiana biex tixhed dwar dan.

Minn ezami tal-process kriminali ghalhekk jirrizulta li l-Qorti ma warrbet ebda xiehda relevanti u tat lix-xiehda kollha l-piz misthoqq; ma cahhdet lir-rikorrent minn ebda opportunità biex iressaq il-kaz tieghu, milli jaghmel kontro-ezami tax-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni u milli jressaq ix-xhieda tieghu u jaghmel is-sottomissjonijiet kollha rilevanti. Ghalhekk jirrizulta li tmexxa b'harsien tal-garanziji procedurali kollha u ma kienx hemm ksur tal-artikolu 6(1).

**Presunzjoni tal-innocenza: artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni**

Ir-rikorrent jissottometti li l-applikazzjoni tal-artikolu 248B tal-Kodici Kriminali fil-kaz odjern holoq 'an irrebutable presumption' illi l-esponent ghandu jwiegeb ghall-imgieba ta' Tatiana Elkina ghaliex hija kienet ii-partner tieghu. Ighid li l-mod kif gie applikat l-artikolu 248B fil-kaz tieghu holoq dak li jammonta ghal 'strict liability offence', billi dak li r-rikorrent ma kienx konsapevoli minnu fir-rigward tat-tlett tfajliet,

tqies irrilevanti, u minflok, ix-' scienter jew element intenzjonali ta' Tatiana Elkina tqieset bhal li kieku kien ix-'scienter intenzjonali tieghu

Illi fir-rigward tal-presunzjoni tal-innocenza hu stabbilit:

> Article 6(2) states that everyone charged with a criminal offence shall be presumed innocent until proved guilty according to law. The Court stated in the case of **Barbera, Messegue and labardo vs Spain** (1988 para 77) that the principle of the presumption of innocence:
> requires, inter alia, that when carrying out their duties, the members of a court should not start with the preconceived idea that the accused has committed the offence charged; the burden of proof is on the prosecution, and any doubt should benefit the accused.
>
> However, Article 6(2) does not prohibit rules which transfer the burden of proof to the accused to establish his/her defence, if the overall burden of establishing guilt remains with the prosecution. In addition, Article 6(2) does not necessarily prohibit presumptions of law or fact, but any rule which shifts the burden of proof or which applies a presumption operating against the accused must be confined within "reasonable limits which take into account the importance of what is at stake and maintain the rights of the defence"

Illi jigi rilevat li l-oneru tal-prova li r-rikorrent kien hati taht l-Artikolu 248B tal-Kap. 9 kien mil bidunett fuq il-prosekuzzjoni.

L-argument tar-rikorrent li l-applikazzjoni tal-artikolu 248B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta holqot xi ghamla ta' prezunzjoni juris et de jure kontrih m'ghandux mis-sewwa. Ir-reat ewlieni li tieghu r-rikorrent instab hati huwa dak imsemmi fl-Artikolu 248B tal-Kodici Kriminali u hu nstab hati fuq dik l-akkuza abbazi ta' xhieda prodotta mhux fuq xi presunzjoni jew minhabba strict liability. It-testimonjanza ta' persuna ma tista' qatt tohloq prezunzjoni li ma tistax titwaqqa u l-presunzjoni tal-innocenza ma tfissirx li l-prosekuzzjoni ma tistax tressaq provi u xhieda biex juru li r-rikorrent huwa hati tar-reat. Effettivament ir-rikorrent ma nstabx hati fuq l-ebda prezunzjoni jew suppozizzjoni legali imma is-sejbien ta' htija giet konkluza fuq is-sahha ta' xhieda probativa fl-atti processwali.

Il-Qorti sabet li n-nisa Russi kienu qed jinzammu kontra l-volonta taghhom u ghalhekk kien hemm wiehed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 248A(1) tal-Kodici Kriminali. Inoltre kif sostniet il-Qorti tal-Appell Kriminali "mhuwiex minnu illi sabiex jissussisti dan ir-reat il-vittmi iridu jiddahhlu illegalment fil-pajjiz kif donnu qed

jissugerixxi l-appellanti billi d-definizzjoni ta' traffikar ma ssemmi dan ir-rekwizit imkien".

Fid-dawl ta' dak kollu li sehh matul il-process kriminali ma jistax jinghad illi d-decizjoni li waslet ghaliha l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet wahda li ma setghetx ragonevolment tasal ghaliha jew li kienet imsejsa fuq irregolaritajiet procedurali serji. Din il-Qorti ma tara ebda nuqqas fil-mod kif imxiet il-Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali u ghalhekk lanqas taht l-Artikolu 6(2) ma hemm ksur.

**It-tielet talba: artikolu 8 tal-Konvenzjoni**

Ir-rikorrent isostni li l-eskluzjoni tad-difiza ta' reasonable belief' fil-kaz odjern tikkostitwixxi interferenza sproporzjonata ghad-drittijiet tal-esponent iggarantiti mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

L-artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni jipprovdi li:

> There shall be no interference by a public authority with the exercise of this right except such as is in accordance with the law and is necessary in a democratic society in the interests of national security, public safety or the economic well-being of the country, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals, or for the protection of the rights and freedoms of others.

Kif gie deciz mill-qrati kriminali fis-sentenzi moghtija kontra r-rikorrent l-ebda wahda mit-tlett vittmi ma taw il-kunsens taghhom biex jigu sfruttati u uzati ghal ghanijiet ta' prostituzzjoni (ara konferma quddiem dina l-Qorti fix-xhieda ta' Kevin Amato). In oltre l-kwistjoni tar-reasonable belief ma tidholx billi l-principiu huwa li l-kunsens ta' vittma tat-traffikar tal-persuni ghall-isfruttament, mahsub jew reali, huwa irrelevanti (ara r–referenza ghal ligijiet internazzjonali li saret fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fejn jinghad li fl- art. 3(b):

> The consent of a victim of trafficking in persons to the intended exploitation set forth in subparagraph (a) of this article shall be irrelevant where any of the means set forth in subparagraph (a) have been used.

Ghalhekk billi l-artikolu 248B tal-Kodici Kriminali kien applikabbili dan ma setghax iwassal ghal vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Il-kwistjoni ma

baghetx aktar wahda ta' hajja privata izda inbidel f'wahda pubblika ta' traffikar ta' nisa.

L-artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni in oltre jipprovdi li:

> The lawful arrest or detention of a person effected for the purpose of bringing him before the competent legal authority on reasonable suspicion of having committed an offence or when it is reasonably considered necessary to prevent his committing an offence or fleeing after having done so".

F'dan il-kaz kien hemm reasonable suspicion kontra r-rikorrent li gie kommess ir-reat li bih gie akkuzat, u fil-fatt ir-rikorrent instab hati. Ghalhekk hawnhekk ma jistax jigi invokat l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea biex jinnwetralizza I-effetti tal-artikolu 248A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ir-raba' talba: artikolu 14 tal-Konvenzjoni**

Ir-rikorrent issottometta li l-Artikolu 248B tal-Kodici Kriminali huwa diskriminatorju, minghajr l-ebda gustifikazzjoni ghal tali diskriminazzjoni, ghall-finijiet tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja mehud flimkien mal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja, u dan minhabba li jesponih ghal akkuza li ghaliha ma tezisti l-ebda difiza.

Diskriminazzjoni giet definita bhala:

> the different treatment without an objective and reasonable justification of persons in analogous or relevantly similar situations (**Kiyutin vs Russia**, ECHR 10/03/2011) Indeed the matter was further explained by the ECJ in its decision in Case C 391/97 re **Frans Gschwind and Finanzamt Aachen-Aubenstadt** namely that : "it is settled law that discrimination arises through the application of different rules to comparable situations or the application of the same rule to different situations."

Illi kif gja rajna rikorrent ma giex misjub hati minhabba xi presunzjoni u r-reat kommess ma hux wiehed ta strict liability imma s-sejbien ta' htija tieghu giet konkluza bis-sahha ta' xhieda probativa fl-atti processwali. L-oneru tal-prova kien fuq il-prosekuzzjoni u mhux fuq ir-rikorrent li kien qed jichad l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Ir-rikorrent naqas milli jindika fuq liema status personali huwa allegatament gie diskriminat u lanqas ma fisser fuq liema bazi gie diskriminat u ma' min gie

diskriminat. L-artikolu 248B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma johloq l-ebda ghamla ta' diskriminazzjoni ghaliex japplika bl-istess mod ghal kulhadd.

**Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni dwar dewmien**

Din il-Qorti giet mitluba wkoll tiddikjara li kien hemm dewmien eccessiv fil-proceduri kriminali mmexxija kontra tieghu u li ghalhekk sofra vjolazzjoni taht l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja minhabba li nkiser ir-'reasonable time requirement'.

Illi gie deciz diversi drabi mill-Qorti ta' Strasburgu:

> The Court reiterates that the reasonableness of the length of proceedings must be assessed in the light of the circumstances of the case and with reference to the following criteria: the complexity of the case, the conduct of the applicant and the relevant authorities and what was at stake for the applicant in the dispute (see, among many other authorities, **Frydlender vs France** (GC), no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-VII; **Zarb vs Malta**, 2006).

Jirrizulta minn ezami tal-atti processwali kriminali li r-rikorrent/imputat gie pprezentat quddiem il-Qorti Istruttorja fil-10 ta' Gunju 2004 u s-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (wara li l-Avukat Generali baghat l-artikoli) inghatat fil-1 ta' Marzu 2012 (kwazi tmien snin wara). Ir-rikorrent kien appella fit-13 ta' Marzu 2012 u s-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali gie moghtija fit-23 ta' Frar 2017 (kwazi hames snin wara). B'kollox tlettax il-sena biex il-kawza giet deciza definitivament. Oggettivament dan huwa perjodu twil izzejjed biex kawza kriminali tigi deciza.

Il-Qorti ezaminat il-process kriminali u sabet li l-prosekuzzjoni hadet mill-10 ta' Gunju 2004 sat-3 ta' Mejju 2006 biex ressqet il-provi taghha sakemm il-Qorti ddikjarat li l-provi tal-prosekuzzjoni kienu gew konkluzi. (Jidher li l-Prosekuzzjoni riedet tressaq xi provi ulterjuri izda l-Qorti tal-Magistrati kienet cahdet it-talba). Jidher li sa dak l-istadju l-proceduri mxew b'mod ragonevoli u kwazi dejjem sar xi haga utili. Id-difiza ressqet il-provi taghha bejn is-7 ta' Settembru 2006 u 9 ta' Gunju 2010. F'dawn l-erba snin l-imputat kien talab tnax (12) il-differiment li fihom ma sar xejn. Il-kawza imbaghad thalliet ghas-sentenza mill-1 ta' Lulju 2010 sal-1 ta' Marzu 2012 fejn il-kawza giet differita ghaxar darbiet (10) ghas-sentenza u waqt is-smigh tal-kumpilazzjoni l-Qorti minn rajha kienet differit il-kawza ghal seba (7) darbiet ohra.

Quddiem il-Qorti tal-Appell jirrizulta li l-Qorti tal-Appell imxiet kif suppost u dejjem sar xoghol utili da parti taghha hlief ghall-imputat li talab tlettax (13) differiment fejn ma sar xejn.

Jirrizulta li dan il-kaz ma kienx xi wiehed kumpless hafna u n-numru ta' xhieda mismugha kien wiehed zghir.

Illi meta dina l-Qorti tikkunsidra kollox ma kollox hija tal-fehma, li ghalkemm il-Qorti tal-Magistrati ikkontribwiet ghad-dewmien fil-proceduri izda principalment kien l-imputat stess li talab b'kollox hamsa u ghoxrin (25) differiment bejn il-Qorti tal-Magistrati u l-Qorti tal-Appell u tawwal il-proceduri irragjonevoment. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti r-rikorrent issa ma jistax jippretendi li nkisirlu xi dritt fundamentali meta hu kien principalment il-kawza tad-dewmien. Jekk kien hemm nuqqas da part tal-Qorti tal-Magistrati, r-rikorrent ma jistax jibbenefika minn ksur minhabba dewmien meta kien hu kien talab 25 differiment u tawwal il-proceduri inutilment.

**Artikolu 6(3)(c) dritt ghall-assistenza legali**

Ir-rikorrent qed jitlob finalment li dina l-Qorti tiddikjara li kien hemm ksur tal-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja peress illi r-rikorrent ma nghatax id-dritt ta' assistenza ta' avukat mill-hin tal-arrest tieghu u matul l-interrogatorju tieghu mill-Ispettur Louise Calleja.

Illi meta r-rikorrent gie arrestat fil-2004 l-ligi kif kienet dak iz-zmien ma kinitx tipprovvdi ghad-dritt ta' assistenza legali waqt il-fazi tal-interrogazzjoni.

Dan il-fatt wahdu biss pero ma jfissirx awtomatikament li r-rikorrent ma nghatax smigh xieraq. Id-dritt ta' smigh xieraq irid jigi meqjus fil-kuntest tat-totalita tal-proceduri kollha mhux biss fir-rigward ta' mument specifiku. Dan hu dritt ghal smigh xieraq u mhux dritt biex minn jinsab hati jahrab mill-konsegwenzi ta' ghemilu billi jerga jiftah kawzi decizi fuq formalita li setgha tqajmet waqt il-proceduri. Ir-rikorrent kien dejjem assistit minn Avukat ta' fiducja u fl-ebda stadju, la waqt il-kumpilazzjoni u lanqas quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (meta d-dritt tal-assistenza kien gja maghruf sew mill-Qrati taghna u d-difensuri legali) u f'perjodu ta' tlettax il-sena r-

rikorrent ma ressaq l-ebda ilment ta' nuqqas ta' assistenza ta' avukat. Jekk ir-rikorrent kien qed ihoss li huwa gie pregudikat messu qajjem dana l-ilment waqt il-proceduri kriminali mhux issa li l-proceduri gew definitivament konkluzi u s-sentenza hija res judicata.

Jigi rilevat li anke meta gie pprezentat ir-rikors kostituzzjonali odjern dan l-ilment lanqas jissemma fir-rikors originali u kien biss wara li giet ipprezentata l-kawza li saret talba addizzjonali biex tizdied talba f'dan is-sens.

Inoltre jirrizulta mill-process kriminali u mis-sentenza tal-Qorti Kriminali illi l-istqarrija tar-rikorrent ma kinitx determinanti ghas-sejbien tal-htija tieghu u l-Qorti lanqas biss qiesu dak li qal ir-rikorrent fl-istqarrija tieghu imam hu instab hati ghax il-Qorti emmnet dak li qalu terzi persuni li xehdu fil-proceduri kriminali kontra tieghu.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **Lanzon vs Kummissarju tal-Pulizija** , Kost 25/02/2013 fejn dik il-Qorti fuq lanjanza simili kienet qalet hekk:

> L-argument tal-appellant huwa fieragh u legalment inaccettabbli ghaliex kull zvilupp tal-gurisprudenza, inkluz fejn si tratta ta' jeddijiet fondamentali tal-bniedem, jiswa ghall-futur mhux ghall-passat. Li kieku ma kienx hekk il-kaz kien jigri li kull sentenza li tkun saret definittiva terga' tinfetah mill-gdid ghaliex ikun hemm zvilupp jew bidla fil-gurisprudenza, ikun x'ikun dak l-izvilupp, u jkun xi jkun il-qasam tad-dritt koncernat. Li kieku ma kellhiex tkun din il-linja korretta tad-dritt, ikun ifisser, kif qalet ben tajjeb l-Ewwel Qorti, illi sentenza ma tkun qatt finali.

Din il-Qorti tirribadixxi illi bidla jew zvilupp fil-gurisprudenza anke fil-kamp tal-jeddijiet fondamentali tal-bniedem ma ghandux l-effett retroattiv li jhassar sentenzi li jkunu saru definittivi (ara **Simon Xuereb vs Avukat Generali**, Kost 28/06/2012).

Finalment, ghal kull bon fini, anke jekk tereotikament kellu jinsab li kien hemm xi ksur ta' dana d-dritt, dana ma jwassalx ghat-thassir tal-sentenza tal-Qorti kriminali kif qed jitlob ir-rikorrent bhala rimedju fir-rikors tieghu. Kif qalu l-awturi fuq kwotati Jacobs and White

> a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgment, as the case may be.

Ghalhekk lanqas taht dan il-kap ma kien hemm ksur.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur